IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta’ Marzu 2017 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta’ **diskussjoni** ta’ **GĦAXAR** minuti bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom ’l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F’każ li l-kandidati ma jkunux jafu x’se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F’dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma’ kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. l-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika:

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta’ kull opinjoni b’rabta mas-suġġett. (4)

N.B.: L-eżaminaturi m’għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. l-espressjoni:

- l-użu ta’ Malti idjomatiku ;
- l-użu ta’ vokabularju wiesa’;
- iċ-ċarezza f’li jingħad mingħajr interferenza. (6)

It-tliet karti b’tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom ’l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

Għall-użu tal-eżaminaturi

## 1) It-trasport bejn Malta u Għawdex

- Hemm ħtieġa ta' trasport aħjar bejn Malta u Għawdex?
- Is-servizz tal-vapur bejn iż-żewġ gżejjer, kemm hu effiċjenti?
- Is-sabiħ tas-servizz bil-vapur: iżomm l-identità taż-żewġ gżejjer ħajja, tgawdija tal-pajsaġġ; mezz ta' soċjalizzazzjoni.
- L-ikrah tas-servizz bil-vapur: ħafna ħela ta' ħin, kjuwijiet twal ta' nies u ta' karozzi f'xi waqtiet tas-sena, il-problema tal-maltemp, diffikultajiet għall-Għawdxin li jistudjaw jew jaħdmu Malta u jivvjaġġaw kuljum.
- Hemm alternattiva għall-vapur?
- Pont.
- Mina taħt il-baħar.
- Servizz bl-ajru.
- Il-bini ta' pont bejn Malta u Għawdex: oġġett b'saħħtu u komdu, imma jħassar il-pajsaġġ. Mina taħt il-baħar: kumdità għall-Għawdxin u għall-Maltin; l-ambjent ta' barra ma jintmessx.
- Hemm żvantaġġi? Theddida għall-identità ta' Għawdex; proġett li jiswa ħafna flus; jeħtieġ studju fit-tul; jintilef il-gost tal-vapur.
- Għawdex isir estensjoni ta' Malta, distrett ieħor?
- Issir ħsara fil-blat minħabba l-mina?
- Sa fejn għandha tasal il-mina? Saċ-Ċirkewwa? Sal-Belt Valletta?
- Is-servizz bl-ajru: x'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi?
- Joffri panorama; jista' jkun li l-vjaġġ idum inqas; kull vjaġġ jiswa ħafna flus; it-trasport bl-ajru jagħmel ħafna ħsara fl-arja.
- Taħseb li l-Maltin u l-Għawdxin huma favur dan it-tibdil fis-servizz?
- L-Għawdxin li jivvjaġġaw regolarment bejn iż-żewġ gżejjer jidhru li huma favur li ssir mina. Taħseb li din l-impressjoni hija korretta?
- Min taħseb li għandu jiddeċiedi dwar l-aħjar mezz ta' trasport bejn iż-żewġ gżejjer?
- Taħseb li għandu jkun hemm iktar minn mezz wieħed ta' trasport bejn Malta u Għawdex?
- Hemm biżżejjed moviment bejn iż-żewġ gżejjer biex ikun hemm iżjed minn mezz wieħed ta' trasport?

## 2) It-terroriżmu: theddida ewlenija ta' żmienna

- X'tifhem b'terroriżmu?
- Hemm differenza bejn it-terroriżmu u l-kriminalità?
- Hemm differenza bejn it-terroriżmu u l-ġlieda ta' komunitajiet żvantaġġati biex jieħdu d-drittijiet tagħhom?
- Għala tfaċċa t-terroriżmu? Taħseb li żdied?
  Xi kawżi:
- Pajjiżi sinjuri ifornu bl-armi pajjiżi foqra;
- Il-preġudizzji marbutin mar-reliġjon;
- Nuqqasijiet u fallimenti f'pajjiżi demokratiċi;
- Gvernijiet dittatorjali;
- Inġustizzji ma' nies ta' razez differenti u ma' minoranzi.
- It-terroriżmu kemm jista' jwassal għat-tielet gwerra dinjija?
- F'ħafna pajjiżi hemm gwerer żgħar jew ċivili u atti terroristiċi minn żmien għal żmien.
- Tista' tintrebaħ il-ġlieda kontra t-terroriżmu? Jekk iva, kif?
- Bit-tpattija b'mezzi vjolenti?

- Bin-negozjati?
- B'atti ta' mħabba?
- Ħafna qatgħu qalbhom li din il-ġlieda għad tista' tintrebaħ. Għaliex?
- It-terroristi mħarrġin fil-qtil u fil-mibegħda; ma jirraġunawx, jew jaraw biss il-kawża tagħhom.
- Hemm minnhom li jqisu ruħhom bħala martri.
- Ħafna terroristi ġejjin minn ħafna pajjiżi. Għaliex? Jista' jkun li kien hemm problema fit-trobbija; nies ta' dixxendenza Asjatika u Afrikana li twieldu l-Ewropa u jħossuhom imwarrbin u diskriminati.
- Hemm rabta bejn il-ħarba tar-refuġjati minn sitwazzjonijiet tal-biża' f'pajjiżhom u l-problema tat-terroriżmu?
- Il-moviment ħieles tan-nies fiż-Żona Schengen jista' jaffettwa l-ġlieda kontra t-terroriżmu b'mod pożittiv u b'mod negattiv? Kif?
- Post l-edukazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

**3) Il-popolazzjoni Maltija qed tkompli tixjieħ**

- Fid-diskors tal-budget għall-2016, il-Gvern Malti rrikonoxxa li l-popolazzjoni ta' pajjiżna qed tixjieħ u li t-talba għas-servizzi u għall-kura għall-anzjani qiegħda tikber.
- Għaliex qed jiġri hekk?
- Il-Maltin qed jgħixu aktar; il-kura tas-saħħa u s-servizzi tjiebu; avvanzi kbar fil-mediċina; qed jitwieldu inqas tfal; bosta emigranti Maltin qed jerġgħu lura f'art twelidhom biex jirtiraw; bosta barranin qed jiġu jirtiraw f'Malta.
- Ir-rata tat-twelid x'effett għandha fuq din is-sitwazzjoni? Għaliex naqset? Hemm bżonn tiżdied?
- B'mod ġenerali, l-anzjani kif qed iqattgħu l-ħin tagħhom?
- Taħseb li l-anzjani qed jagħmlu sforz biex ikollhom ħajja aktar attiva?
- Waħda mill-konsegwenzi tal-fatt li l-popolazzjoni Maltija qed tkompli tixjieħ hi li hemm talba akbar għal servizzi marbutin mal-anzjanità, iżda jingħad li m'hawnx ħaddiema biżżejjed li tħarrġu f'dan il-qasam jew li lesti jaħdmu fih.
- Għalhekk qed jinġiebu ħafna ħaddiema barranin. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' din is-sitwazzjoni "ġdida"?
- Konsegwenza oħra ta' popolazzjoni li qed tixjieħ hija ekonomika: in-nies li jfittxu l-benefiċċji soċjali qed jiżdiedu u l-ħaddiema li jiffinanzjaw ix-xibka soċjali bil-pagi tagħhom jista' jkun li qed jonqsu.

**4) Il-popolarità tas-swali taċ-ċinema minkejja t-televixin u l-internet**

- L-istatistika għall-2015 turi li t-tmien swali taċ-ċinema f'Malta u Għawdex urew 375 film differenti li rawh 704, 243 ruħ.
- Kważi erbgħa minn kull ħames persuni jaraw films maħdumin fl-Istati Uniti tal-Amerka. Taħseb li nħarsu wisq lejn l-Amerka fejn jidħlu l-films?
- Kważi 3% (tlieta fil-mija) ta' dawk kollha li marru jaraw film, raw film Malti. Taħseb li hu numru żgħir jew kbir meta tqis kemm pajjiżna għandu riżorsi limitati?
- F'Malta, fl-2015 l-iktar films popolari kienu 'Spectre', 'Minions' u 'Fast & Furious 7', films tipiċi ta' Hollywood, li lkoll rawhom ftit iktar minn 5%. X'tikkummenta dwar din l-għażla?
- Taħseb li l-Maltin, fil-biċċa l-kbira tagħhom, għandhom jifirxu iżjed l-interessi tagħhom fejn jidħlu l-films? X'tip ta' films għandhom jaraw?

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

- Taħseb li l-Maltin għandhom ifittxu films maħdumin f'pajjiżi oħrajn? Minn liema pajjiżi?
- X'inhi d-differenza bejn li tara film f'sala taċ-ċinema u li tarah id-dar?
- Is-sabiħ li tara film f'sala taċ-ċinema: l-eċċitament; kollox jidher reali; mezz ta' rilassament u ta' divertiment; tista' tidentifika ruħek mal-karattri; il-"gost" tal-biża'.
- Film sabiħ tarah fiċ-ċinema jew inkella d-dar?
- Iċ-ċinema tista' toħloq ambjent; ikollha skrin kbir; tkun parti minn udjenza; ħarġa mal-ħbieb jew mal-familja.
- Fid-dar tista' tikkummenta, waqt li fiċ-ċinema trid iżżomm il-kwiet;
- Tista' twaqqaf il-film xħin trid waqt li fiċ-ċinema jkun hemm intervall wieħed biss;
- Tista' titfi jew tixgħel id-dawl waqt li film fiċ-ċinema trid tarah fid-dlam;
- Il-bini tat-teatri ġodda taċ-ċinema fis-snin tmenin: X'titjib kien hemm fuq dawk tal-ħamsinijiet? Titjib fit-teknika u fit-teknoloġija, teatri komdi u isbaħ, films jaslu aktar malajr.
- Hemm min ħoloq sala żgħira taċ-ċinema fid-dar.
- Il-prezz tad-dħul għoli għall-familji?
- Ħafna nies ma jmorrux iċ-ċinema ħlief f'xi okkażjonijiet speċjali.
- Jista' jkun li ċerti films saru jaslu d-dar qabel iċ-ċinema.
- Iċ-ċinema timpjega ħafna nies: nies li jbigħu l-biljetti, nies li jnaddfu s-swali, nies li jbigħu l-ikel u x-xorb, tekniċi li jħaddmu l-apparat jew li jsewwuh, u gwardjani. F'Malta, fl-2015, kien hemm kważi 190 ruħ impjegati fis-swali taċ-ċinema.
- Is-swali taċ-ċinema għad jagħlqu? Jekk le għaliex?
- In-nies tħobb toħroġ, l-esperjenza taċ-ċinema ma tinbidel ma' xejn.
- Jekk taħseb li għad jingħalqu, għaliex? Il-prezz għoli, id-dar wieħed jista' jara films kemm irid u bl-irħis, ħafna nies imorru ċ-ċinema darba jew darbtejn fis-sena biss.

## 5) L-umoriżmu fuq il-mezzi tax-xandir, fosthom l-internet

- L-umoriżmu fuq it-televiżjoni: ifittxuh iż-żgħażagħ?
- F'liema tip ta' programmi?
- L-umoriżmu fuq ir-radju.
- Taħseb li ħafna mill-umoriżmu Malti fuq il-mezzi tax-xandir issa jinstab fuq l-internet?
- X'jużaw l-iżjed iż-żgħażagħ bħala sors ta' umoriżmu? Il-mezzi soċjali bħal Facebook? Youtube?
- L-umoriżmu li jfittxu ż-żgħażagħ Maltin huwa l-iktar marbut ma' videos u stampi?
- Hemm umoriżmu marbut mal-kliem? Stejjer? Ċajt?
- Il-paġna ta' Kelma Kelma fuq Facebook issegwiha? Jidher li togħġob lil 53,000 ruħ. Jogħġbok iċ-ċajt li jkun fiha?
- Fuq Youtube u Facebook hemm ħafna ċajt. Taħseb li ż-żgħażagħ ifittxu ħafna ċ-ċajt goff, ħamallu, tal-ħafna kliem ħażin?
- Ir-ripetizzjoni ta' ħafna kliem ħażin jibda jdejqek wara ftit.
- Issib ċajt intelliġenti?
- Il-logħob bil-kliem jogħġbok? Ħafna ċajt huwa logħob bil-kliem...
- Il-paġna fuq Facebook "Min jitwieled vojt ma jmutx kwadru" għandha din in-nota: "Ċajt ħamallu, użu ta' kliem baxx jew li mhux adattat anki għal udjenza ta' età żgħira, jiġi mħassar." Taqbel magħha?
- Is-sabiħ li jikkontribwixxu ħafna nies fil-paġni taċ-ċajt fuq il-mezzi soċjali.
- B'mod ġenerali, taħseb li ċ-ċajt Malti huwa wisq mixħut fuq il-kliem baxx, id-doppju sens?
- X'taħseb dwar il-kwalità taċ-ċajt meta jużaw filmat magħruf imma jibdlu l-kliem?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## It-trasport bejn Malta u Għawdex

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## It-terroriżmu: theddida ewlenija ta' żmienna

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Il-popolazzjoni Maltija qed tkompli tixjieħ

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Il-popolarità tas-swali taċ-ċinema minkejja t-televixin u l-internet

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## L-umoriżmu fuq il-mezzi tax-xandir, fosthom l-internet

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **GĦAXAR** minuti bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. l-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika:

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett. (4)

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. l-espressjoni:

- l-użu ta' Malti idjomatiku ;
- l-użu ta' vokabularju wiesa';
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza. (6)

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

Għall-użu tal-eżaminaturi

## 1) Il-volontarjat f'Malta għadu b'saħħtu

- Stħarriġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika juri li 31,000 persuna f'Malta minn 12-il sena 'l fuq, jagħmlu xi tip ta' volontarjat. Tarah numru żgħir jew numru kbir?
- Dan ifisser li madwar 10% tal-popolazzjoni jagħmlu xi tip ta' xogħol volontarju, ftit jew wisq daqs pajjiżi oħra. Kont taħseb li f'Malta jsir iżjed volontarjat milli f'pajjiżi oħra?
- X'inhuma l-fatturi li jħeġġu lill-Maltin biex jagħmlu xogħol volontarju?
- F'Malta għandna ħafna għaqdiet volontarji, minn għaqdiet tal-isport sa għaqdiet li jwettqu xogħol man-nies fil-qasam soċjali jew li jieħdu ħsieb l-annimali: Inspire, Life Cycle, Community Chest Fund, id-Dar tal-Providenza, Puttinu Cares, Animal Sanctuary, Birdlife...
- Diversi gruppi ta' żgħażagħ jagħmlu xogħol volontarju: xi wħud iqattgħu l-vaganzi f'xi art barranija jaħdmu man-nies fil-bżonn; oħrajn jaħdmu mar-refuġjati; oħrajn jorganizzaw attivitajiet mat-tfal. Ġieli tħajjart?
- Uħud jagħmlu sfidi biex jiġbru l-fondi bħal ġiri fit-tul jew attività sportiva oħra.
- Għaliex issib iktar żgħażagħ li jidħlu għall-volontarjat?
- Għaliex in-nies jagħmlu l-volontarjat?
- Bħala sodisfazzjon; għax tiġihom ħasra minn min qed ibati; b'sens ta' avventura; imqanqlin mill-ideali taż-żgħożija; biex jimlew vojt f'ħajjithom.
- Il-volontarjat iħalli effett fil-ħajja ta' min jagħmlu. Kif?
- Persuna tibda tapprezza iktar il-ġid li jkollha; tonqos il-ħela; jikber is-sens ta' altruwiżmu; tibda tinduna aktar bit-tbatija ta' diversi nies.
- Xogħol volontarju mhux bilfors isir barra minn Malta jew fuq bażi nazzjonali. Kif?
- Żjarat lill-morda jew l-anzjani fl-isptarijiet jew fid-djar tal-anzjani; għajnuna lill-ġirien li jkunu waħidhom jew morda; għajnuna finanzjarja lil xi nies fil-bżonn b'mod privat.
- L-għajnuna tal-Gvern lill-għaqdiet volontarji. Kemm hi biżżejjed?
- Issa Malta għandha liġi li tirregola t-tmexxija u l-fondi tal-għaqdiet volontarji.
- F'Diċembru tal-2016, l-Unjoni Ewropea ħabbret skema biex żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena jidħlu fil-Korp Ewropew tas-Solidarjetà. Jingħataw għajnuna finanzjarja jekk jagħmlu xogħol volontarju, apprentistat jew xogħol bi ħlas f'pajjiż membru tal-Unjoni li jkun għaddej minn ċirkustanzi diffiċli. Ngħidu aħna, iż-żgħażagħ jistgħu jagħmlu xogħol volontarju mas-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar meta jseħħ diżastru naturali.

## 2) Qed inqattgħu wisq ħin fuq il-kompjuter

- Għaliex nużaw il-kompjuter? X'inhuma l-affarijiet li nagħmlu bih?
- Minbarra l-kompjuters "tradizzjonali", illum għandna wkoll it-tablets u l-mobiles li jiffunzjonaw bħala kompjuters.
- Dan ifisser li ħafna minna għandna l-"kompjuter" magħna l-ħin kollu. Fost l-oħrajn, biex nikkomunikaw ma' ħaddieħor permezz tal-korrispondenza u t-"telefonati";
- Biex naqraw kull xorta ta' test, biex niktbu kull xorta ta' kitba;
- Biex insegwu d-djarju jew il-kalendarju tal-impenji tagħna;
- Biex naraw l-aħbarijiet u nikkummentaw fuqhom;
- Biex nikkomunikaw mal-komunità tal-ħbieb "reali" u "virtwali" tagħna...
- Fejn jidħol il-ħin li nqattgħu fuq il-kompjuter, hemm differenzi importanti bejn it-tfal u l-adulti?
- Veru, kif jgħidu wħud, li l-interazzjoni virtwali qed tieħu l-post tal-interazzjoni soċjali? Jew dawn jimxu flimkien?
- Fi xħin l-aktar li tuża l-kompjuter? Filgħodu, filgħaxija, billejl?

- F'liema perjodu tas-sena l-iktar li nużaw il-kompjuter? Jew ma tagħmilx differenza?
- Hemm limitu għall-ħin li għandna nqattgħu quddiem il-kompjuter?
- Il-ħin li tqatta' fuq il-kompjuter qed jeħodlok mill-ħin għal affarijiet oħrajn?
- Il-kompjuter huwa għodda biex nikkontrollaw ħajjitna jew għodda li tikkontrollalna ħajjitna?
- Meta nkunu quddiem il-kompjuter huwa iktar faċli li l-ħin jaħrab bina?
- Il-ħin li nqattgħu quddiem il-kompjuter jibdlilna l-personalità tagħna?
- Meta nikkomunikaw bil-kompjuter, noħolqu personalità differenti? Personalità virtwali?
- Il-ħsara għall-għajnejn, id-dahar, il-piż.
- Il-kompjuter bħala mezz ta' divertiment.
- Il-kompjuter kapaċi jagħtina għarfien akbar ta' dak li qed jiġri madwarna.

**3) L-inċidenti fuq il-post tax-xogħol**

- Skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, bejn Jannar u Ġunju tal-2016, 1,420 ruħ kienu involuti f'inċidenti mhux fatali fuq il-post tax-xogħol. F'liema oqsma tax-xogħol taħseb li l-aktar iseħħu inċidenti?
- Dawn l-inċidenti seħħu f'setturi differenti; il-maġġoranza kienu fis-setturi tal-manifattura, tal-kostruzzjoni u tat-trasport tal-materjal u l-prodotti.
- 16.9% tal-inċidenti fis-settur tal-manifattura (fil-fabbriki); 15.5% f'siti tal-kostruzzjoni; 14.8% matul trasport tal-ħażna.
- Teżisti l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol u pieni għal min jikser il-liġijiet u r-regoli. Imma xorta jibqgħu jweġġgħu l-ħaddiema. X'iżjed jista' jsir?
- L-akbar numru ta' inċidenti ġraw waqt li kienu qed jintużaw l-inġenji u fuq postijiet tax-xogħol marbutin mas-snajja'.
- Bejn Jannar u Ġunju tal-2016, mietu erbgħa min-nies fuq il-post tax-xogħol.
- Il-ħaddiema joqogħdu attenti biżżejjed? Ġieli jwieġbu l-mobile waqt li jkunu qed jagħmlu xogħol li jitlob attenzjoni kbira, jew waqt li jkunu qed isuqu. Jew jaħdmu ħinijiet twal wisq.
- Dawk li jħaddmuhom joffru biżżejjed tagħmir protettiv, l-armar meħtieġ? Jinsistu li l-ħaddiema tagħhom jużawh?
- Tipi differenti ta' xogħol joffru perikli u riskji differenti.
- Kemm qed issir sorveljanza fuq il-post tax-xogħol?
- L-isfruttament tal-ħaddiema, speċjalment meta s-sidien iqabbdu ħaddiema li ma jkunux tas-sengħa biex iħallsuhom inqas.
- Sehem il-unions fejn tidħol is-saħħa tal-ħaddiema.
- Hemm differenza bejn il-ħaddiema barranin u Maltin fejn tidħol is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol?

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

**4) Id-drittijiet tal-konsumaturi f'dinja tal-kummerċ li qed tinbidel**

- B'mod ġenerali, x'taħseb li għandhom ikunu d-drittijiet tiegħek meta tixtri prodott jew servizz, bħal safra?
- Ġieli ħassejt li d-drittijiet tiegħek bħala konsumatur jew konsumatriċi ma ġewx rispettati? Għaliex?
- Smajt b'każijiet ta' ħaddieħor li ġralu l-istess?
- Kemm huma konxji l-konsumaturi mid-drittijiet tagħhom?
- Taħseb li l-konsumaturi Maltin jaċċettaw kollox, "għax ma tista' tagħmel xejn"?
- Ix-xiri minn fuq l-internet jikkomplika l-affarijiet?
- Tħobb tixtri minn fuq l-internet?
- Hemm affarijiet li tippreferi ma tixtrix minn fuq l-internet minħabba xi problemi li jistgħu jinqalgħu?
- Bil-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, kull prodott għandu sentejn garanzija. Taħseb li din hija protezzjoni reali? Il-garanzija farsa?
- Jew il-bejjiegħa dejjem isibu xi tip ta' skuża jew toqba minn fejn jiżgiċċaw?
- L-abbuż isir anki min-naħa tal-konsumaturi. Għandek xi eżempji?
- Ngħidu aħna, meta xi ħadd jgħid li l-prodott ma wasalx avolja jkun ġie u jitlob li jintbagħat prodott ieħor.
- Teżisti edukazzjoni biżżejjed dwar l-obbligi u d-dritttijiet tal-bejjiegħa u tax-xerrejja? Tkellimtu fuq hekk meta kont l-iskola?
- Il-Gvern Malti ħabbar li tnedew żewġ Karti tad-Drittijiet tal-Konsumaturi fejn jidħlu s-servizzi bankarji u s-servizzi finanzjarji. Taf nies li ngidmu wara li investew flushom fi skemi mhux serji?

**5) Kibret il-kuxjenza dwar il-ħarsien tal-annimali**

- Taqbel li kibret il-kuxjenza dwar id-drittijiet tal-annimali?
- Jekk iva, kif kibret din il-kuxjenza?
- Permezz tal-mezzi tax-xandir? Permezz ta' programmi popolari fuq it-televiżjoni dwar il-ħajja tal-annimali fis-salvaġġ?
- Permezz tal-mezzi soċjali?
- Permezz tal-edukazzjoni fl-iskejjel?
- Taqbel li l-annimali fid-dar iħossu daqsna?
- Kultant ngħidu li annimal iġib ruħu "qisu bniedem". Taħseb li għandna nqabblu l-annimali mal-bnedmin? Fiex aħna differenti?
- Taħseb li l-annimali jridu l-imħabba bħall-bnedmin?
- Tista' tesaġera fl-imħabba lejn l-annimali?
- Veru li kultant l-annimali jiġu qabel il-bnedmin?
- X'taħseb dwar il-fenomenu mifrux sew ta' annimali "eżotiċi" li jinġiebu Malta minkejja li din mhix il-klima ideali għalihom?
- Hemm nies li jonfqu ħafna flus f'annimali eżotiċi. Għaliex jagħmlu hekk? Għax iħobbuhom? Jew kultant anki biex ikunu differenti, jew saħansitra biex jidhru superjuri għal ħaddieħor?
- Smajt b'annimali mhux tas-soltu li hawn min qed irabbihom hawn Malta? Sriep, xadini, tigri, emu, pappagalli, għasafar eżotiċi...
- Il-ħtieġa ta' iktar professjonisti fil-qasam tal-kura tal-annimali.
- F'Malta m'għandniex kors universitarju għat-tħejjija tal-veterinarji.
- Fil-kuntest tad-diskussjoni dwar il-ħarsien tal-annimali, x'taħseb dwar postijiet bħaż-zoo, is-santwarji tal-għasafar, is-santwarji tal-klieb?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Il-volontarjat f'Malta għadu b'saħħtu

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Qed inqattgħu wisq ħin fuq il-kompjuter

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## L-inċidenti fuq il-post tax-xogħol

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Id-drittijiet tal-konsumaturi f'dinja tal-kummerċ li qed tinbidel

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 11 ta' Marzu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Kibret il-kuxjenza dwar il-ħarsien tal-annimali

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 12 ta' Mejju 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12.05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi, u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ iridu jintwerew il-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. Ix-xogħol ta' billejl: vantaġġi u żvantaġġi.
2. Ftit hawn postijiet ta' divertiment f'Malta. Taqbel?
3. Kemm tista' teżisti mħabba għal dejjem?
4. Il-bniedem bla forza quddiem il-qawwa tan-natura.
5. Iż-żgħożija u x-xjuħija – żewġ fażijiet opposti jew kumplimentarji?

**(Total: 15-il marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: TAQSIRA

**Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar MITT (100) kelma:**

**Is-Superstizzjonijiet**

Is-superstizzjonijiet jinsabu tista' tgħid f'kull rokna tad-dinja. Hemm pajjiżi fejn dawn jitqiesu bħala parti importanti mill-wirt kulturali u hemm oħrajn fejn jitqiesu sempliċement bħala xi ħaġa żgħira li tqanqal il-kurżità, li taqta' daqsxejn mill-monotonija tal-ħajja. Fid-dinja tal-Punent, is-superstizzjonijiet ma jiħduhomx daqshekk bis-serjetà. F'postijiet oħra, bħal pereżempju fl-Afrika, is-superstizzjonijiet jaffettwaw serjament il-ħajja tan-nies.

Il-biċċa l-kbira mill-kultura Afrikana hija bbażata fuq is-superstizzjonijiet. Il-films, il-programmi tar-radju, u l-letteratura li jiġu prodotti fl-Afrika ta' spiss jenfasizzaw is-superstizzjonijiet u suġġetti mistiċi, bħalma huma l-maġija, il-qima tal-antenati, u l-oġġetti użati għall-protezzjoni sopranaturali. Imma n-nies għala huma daqshekk influwenzati mis-superstizzjonijiet, u dawn minn fejn bdew?

Ħafna mis-superstizzjonijiet bażikament jinbtu minħabba l-biża' mill-ispirti tal-mejtin jew minn kull xorta ta' spirtu ieħor. Ġrajjiet jiġu interpretati bħala tentattivi magħmulin mill-ispirti biex jikkuntattjaw lill-ħajjin b'xi theddida, twissija, jew barka.

Is-superstizzjonijiet huma assoċjati mill-qrib mal-fejqan u l-mediċina. Għall-biċċa l-kbira min-nies fil-pajjiżi sottożviluppati, il-mediċini moderni jiswew ħafna flus u ta' spiss lanqas biss jistgħu jiksbuhom. Għaldaqstant, ħafna jfittxu l-kura jew jieħdu miżuri biex iħarsu lilhom infushom mill-mard billi jduru lejn id-drawwiet tal-antenati, l-ispiritiżmu, u s-superstizzjonijiet. Barra minn hekk, huma jħossuhom iktar komdi jmorru għand saħħar li jaf id-drawwiet tagħhom u li jitkellem bid-djalett tagħhom milli għand xi tabib. B'dan il-mod, it-twemmin superstizzjuż jibqa' dejjem ħaj.

Skont tradizzjonijiet superstizzjużi, il-mard u l-inċidenti mhumiex sempliċement affarijiet li jiġru b'kumbinazzjoni, imma ġrajjiet li jiġu kkaġunati minn forzi mid-dinja tal-ispirti. Is-sħaħar għandhom mnejn isostnu li xi antenat mejjet jinsab imnikket minħabba xi ħaġa. Jew inkella l-medji tal-ispirti jistgħu jissuġġerixxu li xi ħadd ikun għamel xi magħmul fuq il-vittma permezz ta' xi saħħar rivali, u għalhekk tkun qabditu dik il-marda jew ġralu dak l-inċident.

Is-superstizzjonijiet ivarjaw ħafna madwar id-dinja, u dawn jinxterdu permezz tal-folklor, il-leġġendi, u ċ-ċirkustanzi tal-pajjiż. Imma taf x'hemm komuni f'dawn kollha? It-twemmin li xi ħadd jew xi ħaġa mid-dinja inviżibbli tal-ispirti għandu bżonn l-għajnuna biex isib il-mistrieħ.

*(Meħuda u addattata minn fuq is-sit elettroniku http://wol.jw.org/mt)*

**(Total: 5 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA:**

1. "Meta s-sens ta' kelma jinbidel ma sseħħx xi bidla bl-addoċċ. Tant hu hekk li nistgħu ngħidu li għandna żvilupp fis-sens, għax hemm rabta loġika, jew loġiko-retorika, bejn it-tifsira l-qadima u l-ġdida." Ikkummenta dwar din l-istqarrija ta' George Doublesin u agħti eżempji mill-Malti biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

2. Fid-dinja globalizzata li qed ngħixu fiha, imdawrin b'mezzi ta' komunikazzjoni mill-aktar sofistikati, li tkun taf aktar minn lingwa waħda mhuwiex kapriċċ iżda ħtieġa bażika. Ikkummenta dwar dan b'referenza partikolari għas-sitwazzjoni lokali.

**(Total: 10 marki)**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 13 ta' Mejju 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12.05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX

### Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:

1. Oliver Friggieri jgħid li d-delużjoni timplika t-twemmin f'għadd ta' ideali. Kif jidhru dawn iż-żewġ sentimenti, id-delużjoni u l-ideali, fil-poeżiji Maltin li jitkellmu dwar ir-relazzjonijiet umani?

2. Kultant il-poeżiji dwar il-pajsaġġ jinqdew bil-figura tal-vjaġġ biex jesploraw id-dinja reali u d-dinja li tinsab fil-moħħ tal-poeti. Iddiskuti.

**(Total: 10 marki)**

## TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI

### Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:

1. Il-kritiku Bernard Micallef jgħid li "Maria Grech Ganado tiddistingwi bejn il-mara bħala test magħluq u l-mara bħala diskors li għadu qiegħed jiġi ffurmat." Taħseb li Grech Ganado tinqeda bil-poeżija biex tirrakkonta l-istorja tagħha bħala individwu u bħala mara b'mod indipendenti minn dak li jgħid u jistenna minnha ħaddieħor?

2. F"Għanja ta' Arti," Maria Grech Ganado tgħid li "L-art li fiha twelidt ma nqishiex arti." Bħal f'dan ix-xogħol, fil-poeżiji tagħha sikwit jiltaqa' d-diskors dwar Malta, art twelidha, u l-arti. X'inhuma r-riflessjonijiet ta' Maria Grech Ganado fuq pajjiżha u fuq l-arti?

3. F'uħud mill-poeżiji tiegħu, Pawlu Aquilina jitkellem bi tqanqil patrijottiku dwar Malta. Ikteb dwar ix-xbihat u l-metafori li juża, tipiċi tar-Romantiċiżmu Malti, u dwar l-effetti li jħallu.

4. Pawlu Aquilina jikteb dwar l-atmosfera waqt inżul ix-xemx u dwar il-lejl. X'inhuma l-ħsibijiet u s-sentimenti li jassoċja magħhom u kif jittrażmettihom permezz tal-istil?

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwar il-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Il-poeżija għandha tkun analizzata fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1

**Ibażwruni Għajnejkom**
***(lil uliedi)***

ibażwruni kultant għajnejkom
jistħarrġu 'l wiċċi
ifittxu fuq truf xufftejja
risposti għall-biżibilju mistoqsijiet
li tixtiequ tistaqsuni u ma tafux kif
li tixtiquni nwieġeb
imma mhux dejjem ikolli aptit

ibażwruni għajnejkom
iqandlu veritajiet
itqal minnkom
li aħna l-kbar
lanqas inlissnu ma nażżardaw

tbażwruni
tħobbuni minn tarf sa tarf u lura
anki meta kliemi
jiċħadkom

Nadia Mifsud
(mill-ktieb *Kantuniera 'l Bogħod*)

**JEW**

2

## Antenatal

Ħalli nibdew mill-bidu nett: niftakar
l-ewwel darba li rajtek ġo dil-kamra
b'dawl bati ġej mir-rokna biex jurini
l-ewwel filmat ta' diċ-ċafċifa ġdida.
Ħabbiltni f'patafjun domandi skomdi.
Għid: liem' poeżija tixtieq naqralek
l-ewwel darba li se tħarisli f'wiċċi?
Għax għandi ħarsa ftit mudlama w oħra
Tixbah il-leħen stramb tal-margeriti.
Liem' waħda tippreferi? Liema waħda?
Jew forsi tridni nħarislek bħall-ilma?

L-ewwel darba li rajt il-filmat tiegħek...
Isma', ħa nieqfu – għad fadal il-baħar
X'taqsam, u forsi ma tkunx trid li tasal.
M'hemmx niket agħar minn dak tal-imsejkna
Li jibku lil min waqaf f'tarf il-vjaġġ.

Immanuel Mifsud
(mill-ktieb *Penelope Tistenna*)

**(Total: 10 marki)**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 13 ta' Mejju 2017 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi, u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: ID-DRAMA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. Marco Galea jistqarr li meta fid-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant "niltaqgħu mal-ħares, jew l-iħirsa, ta' Andrea, jirnexxilna nsiru nafu x'kien għaddej minn moħħu fil-mumenti ta' qabel spara għal rasu." Kif jiġri dan? X'hemm f'Andrea I u Andrea II li jispjegalna l-kunflitt ġewwieni f'dan il-karattru ewlieni?

2. Id-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant jiftaħ u jagħlaq bl-istess mużika mill-aħħar att tal-opra *La Bohème* ta' Giacomo Puccini. Għaliex Andrea jagħti tant importanza lil dan ix-xogħol operistiku, minkejja li skont Tanja "rari ħafna" kien jitkellem dwar il-mużika?

3. Fil-bidu tar-relazzjoni bejn Ġorġ u Menz, "bejniethom hemm xi ħaġa komuni, l-individwalità, iżda l-mod kif huma individwali huwa oppost, u r-riżultat huwa li fil-prattika l-karattri tagħhom iġibu ruħhom kontra xulxin." Taqbel ma' din l-analiżi ta' Oliver Friggieri? Taħseb li din id-differenza ta' bejniethom tibqa' tul id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer?

4. *Menz* ta' Francis Ebejer jiżvolġi mill-bidu sal-aħħar it-taqbida bejn l-individwu, privat u sempliċi, u s-sistema tal-post, qawwija u setgħana, ta' madwaru. Dan iwassal biex Menz jibqa' jfittex l-identità tiegħu. Iddiskuti.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. Fid-daħla tiegħu għan-novelli ta' Lino Spiteri, Oliver Friggieri jikteb li Spiteri huwa mnebbaħ aktar mis-sens milli mid-dehra ta' kulma jinġabar madwaru, "ħerqan li jidħol taħt il-qoxra ta' karattri" li l-awtur jagħżel li jagħmilhom protagonisti minkejja li s-soċjetà jidhrilha li mhumiex. Taħt is-sitwazzjonijiet li jippreżenta *f'Ħala taz-Żgħożija u Stejjer Oħra*, Spiteri huwa interessat fit-tifsira, is-sens, l-interpretazzjoni.

2. Meta fl-1970 ħarġet l-ewwel edizzjoni tal-ġabra ta' novelli, *Ħala taz-Żgħożija u Stejjer Oħra*, Daniel Massa kien qal li Lino Spiteri jippreżenta l-fatti mingħajr ma jagħmel kumment didattiku jew sentimentali ċar. Taqbel ma' din l-analiżi? X'hemm fl-istil tal-kitba li jsaħħaħ il-pożizzjoni tiegħek?

3. In-narratur fir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer jgħid li l-ewwel jiem tal-imħabba huma "ħelwin" u "ma hawn xejn x'jixbahhom!" Iżda daż-żmien tal-imħabba, żmien "il-ħolm imdieheb u t-telfien tar-ras" jiġi darba biss f'għomor il-bniedem. Wara "jħalli biss tifkira ħelwa u għażiża", u "maż-żmien dit-tifkira wkoll tibda tgħib u tibqa' sa ma tidher ħrafa; u dil-ħrafa wkoll tintesa fil-kobor mita ma jibqax għajr żina u tqanqil u telfien bla ebda mħabba." Kemm taħseb li l-metafori li jintużaw hawnhekk huma xhieda ta' dak li jseħħ f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*?

4. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*, Ġużè Ellul Mercer jirrakkonta storja li minn banda turi kemm l-edukazzjoni hi importanti fl-iżvilupp tajjeb tal-individwu u tas-soċjetà u mill-banda l-oħra tikkundanna l-qari ta' kotba mhux approvati mill-awtoritajiet.

**(Total: 10 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ m'għandhiex tingħata t-taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja**.

**JEW**

1.

Lill-ma, ma kont għedtilha xejn. Kemm il-pa qed jaqa' għaċ-ċajt, kemm kien qed jaqa' għall-pakketti ta' reklami bla sens, kemm aktarx kien qed jaħli flus. Lill-ma ftit għadni ngħidilha affarijiet. Bonġu saret ċerimonja. *Kieku anke hi tgħidlek li qed tiekol ħafna.* Lanqas li lill-pa ħadtlu r-rutella m'għedtilha. Immur fil-magna tal-ħjata u l-inchtape ma nsibux. Ninżel fil-garaxx u nieħu r-rutella. Tal-inqas għalissa ninqeda u b'hekk jew hekk il-pa qatt ma jużaha. Naħseb. Fuq din żgur inżomm ħalqi magħluq. *Dejjem żomm ħalqek magħluq*. Issa iktar.

Il-praspar tal-pa fil-każin dejjem żammejthom għalija, imma nissuspetta li kienet taf x'kien ikun għaddej u toqgħod kwieta għax jidħol id-dar f'sensih, miskin, u l-familja qatt ma jħalliha nieqsa. *Mhux li kien toqgħod nieqsa mill-ikel int*. Jew forsi għax il-ma dejjem iktar barra milli d-dar, u ċ-ċurkett tat-tieġ bl-iskuża li subgħajha ħxienu, qatt ma kienet tilbsu. *Jekk ommok ħoxna, int x'int?*

Meta darba kelli sitt snin u qbadt niżfen mal-mużika tal-Milied fi Strada Rjali, ukoll kienet sikktitni. Aħseb u ara kieku kienet taf x'jagħmel il-pa. Bilfors li l-ma kienet tħobbu mħabba tal-ġenn. Mhux ovvja? Inkella tinjorah. Meta jkun qed jara l-futbol hekk tagħmel. Tippreferi taqra fis-skiet u lilu tħallih jagħmel li jrid. Għandu jkun il-ma għandha xi poter speċjali biex taqra u tisma' l-futbol fl-istess ħin.

Il-pa jżomm mat-Taljani. Ammiratur kbir il-pa. Kbir, veru! Għax il-pa fih mhux ħażin. Żaqq tal-birra, skont il-ma. *Mela int m'għandekx żaqq? Jekk tiekol daqsu ssir, jew eħxen minnu.* L-ikel li jiekol quddiem it-televixin ma tarahx. U jekk fuq il-futbol (u fuq ma nafx kemm-il ħaġa oħra) il-ma u l-pa ma qablu qatt, meta għedtilhom bis-safra tal-Form 4 ingħaqdu bejniethom, u fasslu pjan ta' azzjoni kontrija. Il-pa ma jridnix insiefer l-Ingilterra għax l-Italja l-alla tiegħu u l-ma ma tridnix insiefer għax ma tridnix insiefer. U daqshekk.

Leanne Ellul
(mir-rumanz *Gramma*)

**JEW**

2.

Ommu, dejjem jew marradija jew se twelled, tilfet kull ħila biex iżżomm il-lok kif xieraq. Fil-logħob u fit-taħbit, ċorma subien u bniet, uliedha, kienu jkissru l-ftit remiżolji tad-dar li jiġu taħt idejhom u wara li jkunu għamlu hekk, jgħaddu s-sigħat jitliegħbu u jikkustinjaw dwarhom taħt sħaba dubbien li tersaq lejhom minħabba l-intejjen tal-mogħoż u l-irwejjaħ ta' għaraq u qrusa ta' tfal imċerċra jagħtu bejniethom. Il-missier donnu ma jinduna b'xejn ħlief il-ħtieġa li ta' kull filgħodu jitlaq bil-merħla lejn l-ibliet biex ibigħ il-ħalib, u meta r-rebbiegħa tkun daħlet, filgħaxija jitlaq sa għand iċ-ċirku rġiel li jħejju n-nirien tal-festa, biex jagħtihom palata.

Meta fl-aħħar, il-Malti sab darba post fuq brigantin li kien isalpa lejn Marsilja, abbanduna bla kliem u bla sliem l-imgħallem tal-iskuna. U jekk niġu għal dan, lil familtu wkoll, li forsi lanqas intebħet bit-tluq tiegħu fil-folla ċkejkna ta' tfal kbar u żgħar li ommu u missieru baqgħu jwelldu.

Għal xi żmien rabat ħajtu mal-port Franċiż, ibaħħar lejn l-Alġier u lura... sakemm sema' bil-vjaġġ li kienu qed jagħmlu ħafna, jemigraw lejn l-Amerka, u fettillu jagħmel bħalhom. Kienet l-art fejn ma stajtx tkun fqir, kienu jgħidu dwarha, għax kull raġel li jmur hemm isib jaħdem kemm irid, jekk hu bieżel.

Alfred Sant
(min-novella "*Western*" fil-ġabra *Western. Bejn rakkonti, bejn divertimenti*)

**(Total: 10 marki)**